# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Nico Zarb)

vs

**Dasari Saiteja**

**Illum 5 ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet fil- konfront ta "Dasari Saiteja ta' 25 sena iben Srinivass u Laxmi nee Sotari imwieled fil-21 ta' Novembru, 1998 f' Warangal, Telangana India, residenti San Anton Hotel Room No 8 Triq ir-Ramel, San Pawl il- Baħar u detentur tal-passaport Indjan numerat W1378628.

Talli nhar il-15/1/2024 għal ħabta tal-ħdax ta' filghodu u jew fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Imsida;

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

1. Fl-istess data lok, ħin, perjodu u ċirkostanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tagħa tagħrif falz.

2. Fl-istess data lok, ħin, perjodu u ċirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement ghamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fil-Kodici Kriminali.

Rat d-dokumenti ezebiti mal-prezentata taht arrest.

Rat li fil-16 ta' Jannar, 2024 l-imputata infurmat lil Qorti li ma tifhimx bil-lingwa Maltija izda jifhem bil-lingwa Hindi. Il- Qorti hatret lil Sirkar Piyali u Dr Alexandra Mamo bhala interpretu mill-lingwa Maltija ghal dik Ingliza u vice versa.. Fl-istess seduta l-ispettur Nico Zarb that gurament qara u pprezenta l-akkuza kontra l-imputat;

Rat li d-difensur tal-imputata ma huwiex qed jikkontesta l-validita' tal-arresta u l-Qorti wara li semghet lil Ispettur jispjega c-cirkostanzi li wassal ghal arrest tal-imputat tqis li l-arrest huwa gustifikat u gie ezegwit skont il-ligi u ghalhekk qed tikkonfermah.

Rat li l-imputat ddikjara li mhux hati tal-akkuzi migjubha kontra tieghu;

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-artikoli Art. 188 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha;

Rat li il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

**<u>Daniel Dimech, xehed hekk:</u>**

,

Avu: Issa spjega lill-Qorti għal xiex ġejt imsejjaħ il-lum?

Xhud: Mela jien ġejt imsejjaħ biex nixhed fuq il-każ f'isem identità fuq il-kas ta Sateija Dasari aħna fuq dak fuq mela l-landlord kellimna landlord li hija Miss Mary Grace Zammit fejn qaltilna li hi tatna lista ta' nies li jgħixu fuq l-address li qed tikri li huwa binja Flt 6, Triq il-hamrija, Naxxar u meta għamilna tfittxija tagħna sibna li s-sinjur Saiteja Dasari mhux qiegħed f'din il-lista li tatna li tikrilhom għaldaqstant tlabna inkellmuh u tatna dikjarazzjoni wkoll. Għaldaqstant tlabna nikellmuh. Imbagħad tlgħabna assistenza tal-pulizija dan il-persuna provdilna dokument lease agreement fejn qed, l-persuna tagħna lease agreement fejn bejn Mary Grace u xi

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

ħadd jismu Soma kif ukoll jidher l-isem ta' sinjur Dasari u għaldaqstant tlabna l-assistenza tal-pulizija peress li d-dokument ma tafx bih il-landlord.

Pros: Id-dokument li ppreżentalkom?

Xhud: Iva mela għandi kopja tal-lease agreement, Mela dak huwa lease agreement bejn is-sinjura Mary Grace Zammit u persuna ieħor Soma fuq wara tad-dokument l-aħħar paġna jidher ukoll l-isem ta' sinjur Dasari. Issa x`hin kellimna lill-landlord tagħtna dikjarazzjoni fejn tatna lista ta' nies li taf bihom li qed jgħixu fuq dak l-indirizz imbagħad iffirmat dikjarzzjoni li ma tafx li qatt ma iffirmat iktar tan-nies oħra li ma tafx bihom. Għandi l-kopja oriġinali.

Avu: Id-dokument li jipprovdilkom tal-lease agreement kien iffirmat anke mis-sinjura lis-sinjura spjegajtula?

Xhud: Iva aħna lis-sinjura spjegajniela li għamilna cheques u sibna li kien hemm iktar nies minn fuq dan l-address u hi tatna lista ta' nies li qiegħda DOK DD2 it-tieni paġna hemm lista ta' nies li taf li qed tikri.

Avu: Il-firma taghha?

Xhud: Il-firma tagħha imbagħad rajna li ma tidher li ma taqbilx mal-bejn il-firma li tatna fuq DOK DD2 u lease agreement tidher li mhix eżatt l-istess.

Pros: Pero minn naha taghha kkonfermat?

Xhud: Hi qalet li I am unaware anywhere never signed any long term lease agreement.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Pros: Jigifieri hi fiżikament ratu dak id-dokument id-dokument jew l-iehor?

Xhud: Hi meta ġiet orejniha dokumenti hu ma għarfitux qed ngħidu hekk.

Pros: Ma gharfitx id-dokument u l-firma taghha stess, minn naha tieghi daqsekk.

Avu: Kontro Ezami, Mela l-ewwel nett inti semmejtilna li ġew preżentati d-dokumenti magħkom sewwa mhux beda l-process tista' tindikalna meta ġew ippreżentati bejn wieħed u ieħor bħala time period ta' meta ġie ppreżentat l-allegat dokument Id-dokument li ppreżenta bħala l-kuntratt li qed jgħidu li ma jaqbilx?

Xhud: Mela id-data m`ghandix meta gie ipprezentat meta ġie ppreżentat għax dak dipartiment ieħor f' identità iżda peress li kien still abroad permit ġiet fl-uffiċċju tippreżentah il-persuna.

Avu: Pero m'għandekx ma tafx meta jekk hux xahar ilu sena ilu 10 snin ilu m'għandekx idea?

Xhud: Application f'sena, jiġifieri.

Avu: Għandek idea meta saret l-application għandek id-data?

Xhud: Meta saret l-application m'għandekx id-data meta ġie ppreżentat il-kuntratt m'għandekx id-data?

Avu: Meta saret l-application meta ġie ppreżentat dak il-kuntratt m'għandekx id-data issa jekk nissuġġerilek li għaddew xhur biex ma ngħidlekx sena sħiħa minn meta ġie ppreżentat il-kuntratt sakemm saru l-verifiċi tista' tgħidli li dik hija korretta jew skorretta?

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Xhud: Ma nkunx nista' ngħidlek għax ma nafx id-data iżda xhur diffiċli xhur għax l-application f`xhur titlesta jiġifieri imma ma nkunx naf id-data.

Avu: Inti qed tgħid illi ġie flaggjat jew irrevedejtu l-kuntratt hija proċedura normali min-naħa tagħkom li tagħmlu kuntatt mal-landlords kollha u tivverifika l-kuntratti jew dan sar minħabba rapport estern li sar fuq dawn il-każijiet?

Xhud: Mela f'dan il-każ kellna diġà każ ieħor li kien simili kellna każ li kien hemm force lease agreement u minħabba dan ċċekkjajna fuq dak li address fuq l-istess address ghedna ha niċċekkjaw il-lista tan-nies kollha li kienu fuq dak l-indirizz,

Avu: Jiġifieri fuq l-istess indirizz?

Xhud: Fuq l-istess indirizz yes allura iċċekjajna kollox.

Avu: Jiġifieri għandi nifhem li l-identità tagħmel random checks ma tiċċekkjax kull kuntratt?

Xhud: M'għandi, eżatt ovvjament.

Avu: Inti inti għedt li sar kuntatt mas-sinjura sar kuntatt mal-lordlord kuntatt mas-sinjur mal-lesee tal-bniedem li allegatament li ipprovdi d-dokument sar kuntatt min-naħa tagħkom b'xi mod?

Xhud: Imbagħad tlabnieh jiġi fl-uffiċċju fil-15 ta' Jannar biex nitkellmu miegħu.

Avu: Issa hu pprovdi l-konverżjoni tiegħu?

Xhud: Iva imma mhux miegħi hawn il-persuna hawnekk.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Avu: U meta sar kuntatt mas-sinjura taf inti?

Xhud: Mas-sinjura landlord, le m`ghandix id-data lanqas.

Avu: Jiġifieri meta sar kuntatt magħha ma nafux meta sar kuntatt miegħu ma nafux u meta ġie ppreżentat l-kuntratt ukoll m'għandniex l-informazzjoni Riservat sinjura.

Pros: Ri Ezami Tispjega l-qorti l-applikazzjoni x`inhuma l-proceduri biex l-applikazzjoni tibqa' valida?

Xhud: Mela hemm l-applikant meta tkun still abroad application il-persuna jiġi għal biometrics, jiġifieri jagħmel booking dakinhar dakinhar irid jiġi iġib il-lista ta' dokumenti, wieħed minnhom huwa lease agreement ovvjament trid tkun oriġinali awtentiku biex niftiehmu kif ukoll dokumenti oħra miegħu dakinhar. Imbagħad wara nipproċedu wara li jiġu ċċekkjati d-dokumenti nipproċedu għall-card  jew rejcetion somma skond skond il-każ.

Avu: Mela l-ahhar domanda minn naha tieghi f`dan il-process bhala timeline f'dan ir-rigward tas-sinjur m'għandekx hux hekk?

Xhud: Le m`ghandix.

Avu: U hija procedura li ssir online jew id-dokumenti jigi submitted by hand?

Xhud: L-ewwel bicca tkun online jiġifieri meta jkun barra Malta umbaghad jkun still abroad jigi Malta irid jaghmel biometrics u jġib id-dokumenti by hand

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

**Kylie Long, xehdet hekk:**

Pros: Mela tispjega l-Qorti l-inkarigu tiegħek f`dan l-incident?

Xhud: Mela jiena inghatajt kas mis-superjuri tiegħi fejn kellna mara u riedet tiċċekkja lil min għandha reġistrat fuq il-post li għandha bħala proprjetà tagħha għall-kiri. Is-sinjura qaltilna provdiet lili lista ta' nies li bħalissa taf bihom li qed jgħixu fil-propjetà. U meta ċċekkjajna fuq is-sistema tagħna ndunajna li kellha ħafna iktar minn dawk imsemmija fil-lista.

Pros: Ghandek xi dokumenti x`tipprezenta?

Xhud: Mela d-dikjarazzjoni li ffirmatilna is-sinjura meta ġiet fl-uffiċċju tagħna u kellimniha biex. Tikkjarifika li in-nies li sibna aħna ma kenitx tafhom u kif ukoll il-lista li pprovdietilna tan-nies li bħalissa qed jgħixu fil-proprjetà tagħha.

Pros: Hemm dokument DD2 tista?

Xhud: Iva dan huwa l-istess dokument li għadni kemm tajt lis-sinjura jiena kopja tiegħu d-dikjarazzjoni DOK DD2 d-dikjarazzjoni li ffirmat sid il-proprjetà meta ġiet fejn iddikjarat li l-persuni li sibnilha fis-sistema hi ma kenitx tafhom.

Qorti: Dan id-dokument iffirmat quddiemek?

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Xhud: Iva jiena kollega ieħor tiegħi u ffirmat u s-sinjura Mary Grace Zammit.

Avu: Mela qed nara dan id-dokument hawn imniżżel date u m`hawnx data id-data meta ġie ffirmat dan id-dokument tafu inti d-dokument li rreferejna għalih DOK DD2 hemm imniżżel bdejt kowlin u spazju għal data pero data mhix preżenti ta' data jekk jogħġbok?

Xhud: Mela ħa niċċekkjalek fuq il-fuq ir-rapport li għamilna fit-8 ta' Jannar tal-2024.

Avu: Inti min-naħa tiegħek għal li jista' jkun is-sinjur sewwa illi huwa s-suġġett ta' din il-kawża s-sinjur jew l-individwu li huwa s-suġġett ta' din il-kawża għandek idea min hu?

Xhud: Mela Saiteja Dasari.

Avu: Issa inti min-naħa tiegħek kuntatt miegħu għamilt b'xi mod?

Xhud: Ġie mitlub biex jattendi fl-uffiċċju tagħna biex jipprovdilna id-dokumenti li hu issottometta l-applikazzjoni.

Avu: Issa meta tghid gie mitlub talbtu inti personalment jew seta' talbu l-kollega tieghek?

Xhud: Le jiena ġejt imqabbda biex nibgħatlu email ta' fuqi qalli ibagħtlu email biex jattendi hawnhekk ħalli nkellmuh wiċċ imb'wiċċ u naraw x'kienet is-sitwazzjoni tiegħu.

Avu: U din il-laqgħa kont preżenti għaliha inti?

Xhud: Iva mela.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

AvuL Issa l-kollega ta' qablek semma li din il-laqgħa saret fil-15 ta' Jannar 2024.

Xhud: L-ewwel baghttna ghas-sinjura Zammit fit- 8 tax-xahar imbagħad pprovdejna appuntament lis-sinjur.

Avu: Issa meta, sinjur, allegatament ipprova dokument oriġinali, jiġifieri dan il-kont intom kellkom kuntratt fis-sistema tagħhom naqblu?

Avu: Meta ġie ġie provdut dan il-kuntratt taf bħala data meta ġie submitted?

Xhud: Le ghax hu il-kuntratt tipprovdih mhux lili u pprovdih lill-l-iskrivani ta' isfel meta ġie għall-biometrics.

Avu: Issa U inti hemm xi mod li kif nistgħu nkunu nafu meta ġie ppreżentat dan il-kuntratt?

Xhud: Fis-sistema jkollhom?

Avu: Nistghu inkunu nafu hawn gew ghax il-Qorti ma tidholx fis-sistema taghkom igifieri intom tridu tipprovdu l-informazzjoni?

Xhud: Il-kollega ta` qabbli m`ghandux data ta` meta is-sinjur ġie għal biometrics u tahom id-dokument.

Avu: Issa inti semmejtilna illi kont inti li xxedjuljajt ħa nsejħulha hekk il-meeting u kont preżenti għal-laqgħa u kont preżenti għal laqgħa fil-15 ta' Jannar il-verżjoni tas-sinjur tafha u x' qalilkom x'kienet il-verżjoni tieghu?

Xhud: Is-sinjur kien qalilna li d-dokumenti li ssottometta biex ikun jista' japplika għall-id card, qalilna li tahomlu ħabib tiegħu pero l-isem tal-ħabib tiegħu ma qalilniex min kien. Qalilna

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

jiena ġejt mogħti dawn id-dokumenti minn ħabib tiegħi u jiena staqsejtu għax fuq id-dokument kien hemm il-firma tas-sinjura Zammit għedtlu meta ffirmajtu dak ghedtlu tiftakar jekk din il-firma ta' hawn fuq diġà kinitx qiegħda hawnhekk eċċetra qalli iva diġà kienet qiegħda hemmhekk.

Avu: Jigifieri li l-firma fuq id-dokument meta jiġi provdut lilu kien diġa hemmhekk jiġifieri?

Xhud: Ijja Qalli li tahomlu ħabib tiegħu.

Avu: Jiġifieri biex nifhem sew il-firma allegatament falza fuq dak id-dokument meta d-dokument ġie pprovdut lilu qal li diġà kien hemmhekk fuq dokumenti?

Xhud: Jiena ipprintjathom mis-sistema l-affarijiet u wrejthomlu u għedtlu inti taqbel li dawn huma l-istess affarijiet li inti ssottomettejt biex tapplika għar-residence card qalli iva qalli dawk jiena tajthomlhom biex napplika l-id card u staqsejtu dak id-diskors ħabba l-firma ta' landlord eccetra.

Avu: Ok, issa u jekk ikolli nissuġġerilek li hu ma kienx jaf li l-firma kienet wahda falza u qallkom hu stess hija minnha jew le?

Xhud: Hu qalilna li d-dokumenti li pprovdilna gew mogħtija lilu minn ħabib, iżda l-ħabib tiegħu qatt ma qalilna min hu.

Avu: Id-domanda kienet jekk ikolli nissuġġerilek li huma illi hu qalilkom isma' jien ma kontx naf li l-verità hija falza?

Xhud: Ovvjament hu ma jkunux jafu li hu u ikjarifika li mas-sinjura Zammit hu qatt ma ltaqa.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Avu: Pero għadek kemm għidt ovvjament ma jkunux jafu, jiġifieri hu ma kienx jaf qalilkom li ma kienx jaf.

Xhud: Hu għalih il-ħabib speċi kollox.

Avu: Meta haddtu din id-dikjarazzjoni dritt tal-avukat tajtu għalli jista' jkun dritt tal-avukat meta intom tlabtu?

Xhud: Ahna naghdduh lil pulizija tal-ghassa mbagħad jkellmuh huma dawk l-affarijiet.

Avu: La kellkom dikjarazzjoni bil-miktub ta' sid il-kera li tgħidlek li dik mhix firma tagħha u kien hemm suspett li d-dokument huwa wieħed iffalsifikat ħa nerġa' ngħidlek dritt tal-avukat is-sinjur ingħata b'xi mod?

Xhud: Minn-naħa tagħna aħna ma ngħidulux dawn l-affarijiet aħna ngħidulu le aħna ngħidulu li ħa jkellmuh lill-pulizija u mbagħad il-pulizija umbaghad il-pulizija min-naħa tagħhom jgħidulu d-drittijiet tiegħu x'inhuma.

Avu: Issa jekk ikolli nissugerilek ukoll illi intom informajtu bl-involviment tal-pulizija fiżikament fil-laqgħa illi saret fil-15 ta' Jannar, jiġifieri meta bagħttu għalih la ghedtulu li kien hemm suspett l-att u li hemm l-pulizija involuti u la ghedtulu li għandu dritt għal-avukat?

Xhud: Ahna nibagħtulu l-email nitolbuh jiġi mbagħad wara li jkun tana l-verżjoni tiegħu is-superjuri ta fuqi jgħiduli jekk għandix inċempel l-għassa ta' tas-Sliema jew jkunx jista' jmur.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Avu: Jiġifieri, jiġifieri u jiġi infurmat ukoll bl-involviment tal-pulizija wara li ġie wara li ttiħdulu l-verżjoni wkoll jiġifieri?

Xhud: Mhux hekk.

Avu: Rizervat.

Din kienet ix-xhieda dettata minnhu Kylie Long stess quddiem din il-Qorti fil-presenza tal-imputat.

Yana Micallef Stafrace
Magistrat

Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment u bl-ahjar hila u taghrif it-traskrizzjoni tat-tape.

**Spt. Frankie Sammut, stazzjonat l-Ghassa San Giljan, Imwieled Pieta u Iben Joseph, bil-Malti u bil-gurament quddiem l-imputat jghid:**

Qorti: Tahlef li tghid is-sewwa, s-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa hekk Alla jghinek.

Xhud: Iva nahlef, mela ma nafx hux diga ezebit fl-atti statement a fol numru 40 qed naghraf statement li ittiehed gewwa l-Ghassa San Giljan datata 15 ta` Jannar 2024 ta` certu Dasari Saiteja qed naghraf il-firma tieghi u din l-istqarrija kont haddtha jiena fil-presenza ta` PC 304 Liam O`Neill u l-interpretu Piyali Sarkar lil imputat qe naghrfu fl-awla.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Avu: Kontro Ezami, mela Spettur spjegajtilna l-istqarrija kont ghedtha inti personalment hux veru?

Xhud: Iva.

Avu: Issa waqt l-isptqarrija is-sinjur sahaq xi fatti partikolari li kienu ta` xi interess partikolari ghall-investigazzjoni?

Xhud: Mela biex inkun onest dana kien semmieli lil certu ma nistax insemmieh hawnkk ghax hemm investigazzjoni semmieli persuna li kien qed jaghmilha tal-agent tieghu li kien tah dawn id-dokumenti bie jipprezenthom lil-ID Malta illum il-gurnata jekk tidhol fil-mezzi tal-media dan il-persuna qieghed jigi investigat ukoll gewwa l-India fuq l-istess fatti ma nafx nistax insemmeih hawnekk in open Court qieghed miktub kien semmieli lil certu Anil Kumar li kien tah id-dokumetazzjoni u li kien prezentah baghtielu bil-Whats App ahna filfatt konnha ikklowjajna ukoll il-mobiles biex ikollna il-provi biex insibu lil dan u konnha ukoll hrigna jekk mhinix sejjer zball mhinix cert konnha hrigna ukoll warrant of arrest mhinix cert.

Avu: Fuq dan it-terz hux veru?

Xhud: Fuq it-terz imma kien hemm zewg persuni biex ma nkunx qed nizgwida lil Qorti fuq dan mhnix cert naf li kelli persuna ohra zgur kont hrigt mandat tal-arrest fuqu ghax dan hemm diversi persuni jaghmluha ta` agenti ppruvajna naraw qieghedx hawn Malta izda konnha infurmati li dan ma kienx qieghed jghix hawn Malta.

Avu: Issa mill-Investigazzjoni li dan naturalment fehem id-dritt tieghu illi peress li kien qed izomm ispskiet tieghu biex ma jinkrimanx ruhhu tajtulu dan id-dritt u iffirma ghalih mhux hekk?

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Xhud: Hekk hu dan filfatt kien hemm prezenti ukoll avukat Dr. Karl Cordina jigifieri kien prezenti ukoll waqt l-investigazzjoni fehem id0dritt tieghu u ikkopera mal-pulizija jigifieri tana id-dokumentazzjoni tana il-mobile u bil-permess tieghu ukoll elevajna l-extraction mil-mobile tieggu bhala data. bħal każ ta' proċess preċedenti biex niftiehmu.

U int eżami.

Kontroeżami spettur sammut ħa nkun ftit repetittiv imma kemm jistabbilixxi fatti mela din hija investigazzjoni illi ġiet avvjata illi bdiet fuq suspett rappurtat mill-aġenzija identità naqblu issa waqt din l-investigazzjoni is-sinjur jindikalkom bħall-imputat kompluta tiegħu li għadna kif għamilna l-kawża tiegħu jindikalkom terzi li ma jinstabux ġewwa Malta.

Avu: Issa minn dak il-materjali kollha illi wiegeb ghalihom fosthom mobile u anki l-istqarijjiet tieghu jekk nissuġġerilek illi hu fil-ħin kollu tal-investigazzjoni żamm ferm mal-verżjoni li kien irrilaxxa ċioe li dan it-terz jew min hu dan l-aġent daħaq bih inkunu qed nissuġġerilek xi ħaġa li hija korretta?

Xhud: Ħa nispjegalek, inti meta tiġi hawn Malta jekk inti trid tagħmel xi ħaġa għax-xogħol qed tifhem mhix skużabbli li inti ssib persuna.

Qorti: Mhux qed jgħidlek jekk hux skuzabbli jew le qed jghidlek stqarrx dik umbaghad nara jien, issa jekk hekk hu dejjem żammx ferm din il-attitudni tiegħu issa kellux raġun jżommha jew li mbagħad wieħed jista' jerġa' jidħol fiha qed jgħidlek vi jew va.

Xhud: Jiem minn naħa tiegħi qed nispjega sinjura Maġistrat x' wassalni jiena biex dan ħadlu l-istqarrija u jinħarġu l-akkużi fil-konfront.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Avu: Inti inti ix-xogħol tiegħek għamiltu preċiż eżatt, jiġifieri mistoqsija tgħid?

Xhud: Minn dejjem stqarr hekk sinjura Maġistrat, jiġifieri baqa.' Fil-fatt, il-proċedura l-ewwel kellimtu fil-preżenza tal-avukat, Imbagħad ittieħdet l-istqarrija, jiġifieri l-verżjoni li fl-istqarrija ma nbidlet qatt dik hija sewwa.

Avu: U l-aħħar mistoqsija ovvjament mill-investigazzjoni għalkemm jirriżultawlek dawn it-terzi li allegatament kienu l-aġenti li jipprovdulu s-servizzi tiegħu sal-lum il-ġurnata għad m' għandniex qatt m'għandekx provi tanġibbli fuq il-location tagħhom għadhom ma ġewx arrestati u lanqas interrogati naqblu?

Xhud: Min-naħa tiegħi le.

Avu: Mill-investigazzjoni tiegħek irriżultalek jekk is-sinjur jafx jikteb jew jaqra?

Xhud: Ma nafx ma staqsejtu, jiena naf hemmhekk kien hemm il-preżenza jien uzajt lil Pyali Sarkar biex dak li ktibna taqrahhlu u tfehmulu bl-ingliż ma jidhirlix li jaf jaqra u jitkellem pero kelli l-interpretu Piyali Sarkar li dak il-ħin bdiet tispjegalu x' hemm il-kontenut tal-istqarrija.

Avu: Issa għandi nifhem ukoll u anke kif ħareġ seduta preċedenti illi bħala wahda mill-provi li ġew esebiti u anke nisimgħu xiehda fuqha u li tirriżulta fil-kors tal-investigazzjoni. Hija dik li tirrelata fuq il-kun mal-kuntratt tal-kera illi s-sinjuri ppreżenta lill-aġenzija li s-sinjura allegatament tippreżenta lill-aġenzija identità dinji u dan huwa minnu?

Xhud: Ħa nispjegalek dan aħna mxejna fuq rapport ta' identity Malta.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Avu: Biex inżommu it-trail ġej għaliha, jiġifieri dan id-dokument jirriżultalkom li ġie sottomess?

Xhud: Iva.

Avu: Issa f'xi ħin fl-investigazzjoni intom kellimtu is-sit mhux hekk ta din il-proprjeta?

Xhud: Min-naħa tiegħi ma kellimtux jiena qatt fuq li qaluli tal-ID Malta, ID Malta stqarrew illi dan kellmu lis-sid ivverifikaw il-kontenut, tal-kuntratt li ġie pprovdut u min-naħa ta` ID Malta qalulna li dan ċċekkjaw mas-sid u s-sid ikkonferma li dawn ma kinux qed joqgħodu fil-post.

Avu: Allura nkun qiegħed ngħid korrett nerġa' ntenni l-mistoqsija qiegħda m'għandix dubju x-xogħol tiegħek kemm inti bniedem speċjalizzat u għamiltu b'mod preċiż qed inkellmek opertament, pero jekk jekk ikolli nissuġġerilek li Identity Malta issoponew illi ġaladarba l-verifika mas-sid irriżultatilhom fin-negattiv mela dik, kellha tiġi mogħtija tort lis-sinjur tissuponewa din il-biċċa xogħol?

Xhud: Naħseb ahjar did-domanda ssir lil-identità Malta, ghax jiena Identity Malta ituna rrapportajna kif jinfurmawna identity Malta obbligati mmorru fuq il-post u niġbru l-persuna li jkun hemm hemmhekk nistaqsuh id-domandi minn fejn ġab id-dokumentazzjoni.

Avu: Pero is-suspett li minnu skattat din l-investigazzjoni rriżulta mill-aġenzija?

Xhud: Mill-aġenzija, Identity Malta.

Avu: Riservat grazzi.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

**<u>MaryGrace Zammit, xehdet hekk</u>**

Pros: Mela hemm qiegħda tagħraf li xi ħadd preżenti f'din l-awla?

Xhud: No le.

Pros: Għidilna daqsxejn il-propjetà li inti tikri fejn fejn qiegħda u l-indirizz?

Xhud: Naxxar, Binja Lenieq, flat six, Troq il-hamrija, Naxxar.

Pros: In-nies fost in-nies li hemm joqogħdu f'din ir-residenza, taf tghidilna min joqghod fih?

Xhud: Bħalissa bl-amment ma nistax ngħidlek għax l-ismijiet tagħhom ma nafhomx bl-amment.

Pros: Qatt iltqajt mal-persuni li kien hemm u li qegħdin preżentament jgħixu fir-residenza?

Xhud: Bħalissa iva iva.

Pros: Imma inti tagħraf il xi ħadd?

Xhud: Le.

Pros: Il-klijenti kollha li jabitaw ġewwa r-residenza tiegħek inti ltqajt magħhom?

Xhud: Kien hemm perjodu iva iltqajt magħhom eħe.

Pros: Kollha kemm huma?

Xhud: Iva iva iva.

Pros: M'għandniex iktar domandi.

Pros: Ha naghmel referenza ghall-process, Referenza għal paġna 12 tal-proċess. X' tista' tgħidilna

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

fuqu jekk jogħġbok? Jiġifieri inti dak id-dokument x`tafx fuqu?

Xhud: M`hawnx firma tieghi

Pros: Dak id-dokument minitx familjari tieghu?

Xhud: Le, lanqas il-kitba mhix tiegħi.

Pros: Din il-propjeta li hemm imsemmi fl-istess dokument x`tista' tgħid fuqha?

Xhud: Il-propjetà hija tiegħi.

Qorti: Dak l-indirizz li semmejt qabel?

Xhud: Iva iva dan huwa ehe.

Pros: B'referenza paġna 21 taghraf xi haga mill-Identity Malta?

Xhud: Hawn firma tiegħi hawnhekk.

Pros: Dan id-dokument huwa meta għamilt il-kuntratt. Jiena meta għamilt il-kuntratt tal-post. Le le le sorry dan meta bagħtu għalija li Identity Malta. Skuzawni dawna bagħtu għalija li Identity Malta biex jgħiduli jekk jiena kontx naf b'xi ismijiet li qegħdin fil-proprjetá tiegħi meta semmewli dawk l-ismijiet għedtilhom tuni ċans ħalli niċċekkjaw il-kuntratt, l-ismijiet bl-amment ma nkunx nafhom iċċekkjajt il-kuntratt tiegħi bil-kwiet l-ismijiet li tawni ma kienux jaqblu mal-ismijiet li għandi fil-propjeta tiegħi mort l-Imsida l-Identity Malta u iffirmajt dan id-dokument f'Jannar kien għax ma tantx ilu wisq. Dak kollox.

Avu: Meta kont iffirmajt u s-sinjura dan id-dokument jekk jogħġbok?

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Xhud: F'jannar li ghadda ta` din is-sena iva ftit żmien ilu. Kont mort l-Identity Malta hemmhekk.

Avu: Tajjeb ħafna m'għandix iktar mistoqsijiet ghall istess.

**<u>Saiteja Dasari, xehed hekk</u>**

Avu: Semgha ix-xhieda u l-provi li gew imressqa mill-pulizija, il-kaz jirrigwarda certu dokumenti x`jaf jghidilna?

Xhud: Jiena qed nispjega il-vjagg tieghi kif wasakt hawnekk Malta u d-dokumenti li jien ircevejt minghand l-agent.

Qorti: Meta jghid agent x`igifieri?

Xhud: Anil Kumar.

Qorti: U meta jghid agent xi jfisser bil-kelma Agent?

Xhud: Kien l-Indja u din il-persuna dan l-agent ikkunttajah u ha responsabbilta kollha ghad-dokumentazzjoni u l-affarjiet kollha li kien jehtieg biex jigi Malta.

Qorti: Jigifieri qabdu jaghmel dan ix-xoghol?

Xhud: L-agent qallu li kieent ir-responsabbilta tieghu jigifieri tal-agent li jaghmel dan ix-xoghol.

Qorti: Imma hu qabbdu l-agent?

Xhud: Anil Kumar l-agent ippowstja advertisment u anka video fuq YOU TUBE u ghamel advertisment kif wiehed ghandu jigi Malta legalment.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Qorti: Allura hu wara li raha dak ir-reklamar mar ikellmu biex jigi Malta jekk qed nifhmek tajjeb?

Xhud: Iva.

Avu: Mela il-kaz jirrigwarda kuntratt ta` kera partikolari x`jaf jghidilna fuq dan il-kuntratt?

Xhud: Wasalt Malta fit-3 ta` Lulju ghandu l-air ticket ukoll pero qabel ma gie Malta ibbukkja appuntament tramite online mal-ID Malta.

Avu: Jista jghidilna min ibbukkja?

Xhud: Anil.

Qorti: Hu jaf jikteb bl-ingliz?

Xhud: Jifhem imma jikteb le ibbukkja Anil mil-laptop tieghu u tahielu hu biex meta jigi Malta juri dan lil ID Malta ES1, qed jezebixxi ID Malta approval letter ES2. Dokument tas-Sigurta Socjali DOK DS3. Meta jiena wasalt Malta qalli biex immur Anil Kumar u qalli biex immur niltaqa` mieghu l-uficcju tas-Sliema u mort u iltqajt mieghu.

Qorti: L-uficcju ghandu l-indirizz?

Xhud: Ma jafx ezatt fejn ghax mar darba.

Qorti: Imma meta jghid ufficcju ghaliex qed jghid ufficcju ghax kellu li jidher li hu ufficcju jew iltaqa mieghu fit-triq jew mar id-dar ghaliex qed juza il-kelma ufficcju?

Xhud: Hija binja u kien hemm ufficcju bid-desk u siggijiet.

Qorti: Issa dan is-sinjur Anil Kumar biex ghamilu dax-xoghol hallsu jew b`xejn?

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Xhud: Meta kont l-Indja hallastu 5 lack indjani kurrenti li jfisser 6,000 ewros.

Qorti: Qabel gie hawn Malta x`kien jaghmel?

Xhud: Kien jaħdem mmf hotel bħala housekeeping.

Qorti: U kemm kien jaqla fis-sena?

Xhud: 200 ewros a month. Il-hlas li jiena hallast lil Kumar hadt loan mil-bank.

Avu: Hemm dokument ezebit biex niffaċilita, qed jigi muri dokument jekk jaf x`inhu?

Xhud: Iva rajtu.

Avu: Fejn rah?

Xhud: Meta mort l-uffiċċju ta' Anil hemm tani xi dokumenti, ghamilli appuntament għall-medical u ID Malta bokking u darbohra kien ikkuntattjani u tani iktar dokumenti u tieni darba tani dokumenti fosthom id-dokument li qed nara DOK DD1.

Avu: U meta tawh dawn d-dokumenti tah xi struzzjonijiet?

Xhud: Qalli biex naghddi id-dokumenti kolha li tani l-ID Malta.

Avu: Hu tkellimx ma haddiehor wara dan il-laqgha?

Xhud: Le f'dak li f'dak il-perjodu jien kont hemm bażikament ġdid hawnhekk u ma tkellimt ma' ħadd.

Avu: Pero wara dawn l-istruzzjonijiet huwa x'għamel?

Xhud: Wara mort għall-medical u għamilt l-eżami mediku u għamel l-insurance ukoll.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Avu: Id-dokumenti li ġie mogħti ġew mgħoddija lilu x'għamel bihom?

Xhud: Meta kien fl-appuntamenti dan l-appuntament jiena mort f'Identity Malta bid-dokumenti kollha mogħtija lili u tajthom id-dokumenti kollha. Dejjem lil-ID Malta. Imbaghad tawni appuntament għal biometrics ghall-fingerprints u rċevejt il-blue il-karta l-blu mill-ID Malta u l-ID Malta qaluli li dokumenti kienu tajbin u gew accettati. Wara ġimgħa rċevejt il-pin number u erġajt mort il-ID Malta tajthom il-blue paper karta l-blu u tawni l-identity card. U qatt ma qaluli xejn aktar l-ID Malta.

Avu: M`ghandix iktar domandi.

Pros: Mela kontro eżami. Nhar il-15 ta' Jannar meta ġew preżentati d-dokumenti minnek lil ID Malta. Il-firem dawk id-dokumenti li ġew preżentati taf tgħidli ta' min huma qed tirreferi għal xi dokument DOK DD1?

Xhud: L-ahhar wahda hija tieghi Anil Kumar qalli biex niffirma fuq id-dokuemntl-ahhar pagna tad-dokuemt DOK DD1 u wara naghtihom lil ID Malta u l-firem l-ohrajn ma nafx ta` min huma.

Pros: Meta gew iffirmati dan id-dokument min izjed kien prezenti?

Xhud: Is-sottomissjonijiet ta' dan id-dokument lil ID Malta min kien se jibbenefika?

Avu: Hu mhux fil-kompitu tieghu jghidilna li l-ID Malta x`jigri?

Qorti: Xi tkun naqra aktar speċifiku għax mhux qed nifhem id-domanda tiegħek?

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Pros: Inti kont se tibbenifika billi tkun tista biex tahdem gewwa Malta meta ppreżenta dan id-dokument?

Xhud: Anil Kumar l-agent qalli li minghajr ID Card ma nistax nhadem f`Malta, imma biex ingib l-Id Card jiena kelli immur naghmel il-process kollu u ghall-dan il-process jiena kelli nipprezenta dawn id-dokumenti.

Pros: Fost dawn id-dokumenti kien hemm il-kuntratt tal-kera?

Xhud: F`dak l-indirizz gieli gext go fih inti?

Xhud: Meta kont l-Indja Anil Kumar li f`dak il-perjodu Malta is-season gholi high season u kellna nibbukkjaw appartament ferm qabel, jien ghaddejtlu il-flus minn qabel ghall-kera 600 ewros ghall-kera tal-appartament u hu qalli meta nigi Malta hu jorini liema appartament kien ibbukkjali. U meta wasalt Malta urieni l-appartament li kont se nghix go fih li qieghed B`Kara qatt ma qalli x`hemm fid-dokument visa vi l-indirizz ir-residenza tal-appartament. Qatt ma qalli l-indirizz fejn irrid noqghod.

Qorti: Minuta ha nara jekk fhimtx sew jien fhimt li din il-persuna Anil Kumar ma qallu li kellu jirrisjedi f`dak l-apprtament hekk fhimt jien?

Qorti: L-appartament li hemm fuq il-kuntratt tal-kera qed nifhem sew li skond l-imputat hu f`mohhu qatt ma kellu jghix go fih?

Xhud: Le qatt ma qalli.

Qorti: Allura jekk fhimt mix-xhieda tieghek ta qabel inti ghedt f`mohhok dik il-kirja kienet ghall-futur?

Xhud: Eventwalment haseb li ha jmur jghix hemm iva.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Pros: Jigifieri mill-LUlju tas–sena 2023 fejn kot qed tirrisjedi?

Xhud: B`Kara, fejn l-indirizz indikat fl-insurance fil-medical insurance.

Pros: Mela x`inhi ir-raguni li dan id-dokument sottomess l-ID Malta u mhux l-indirizz ta` B`Kara?

Xhud: Meta mort ghall-medical insurance talbuni l-indirizz cempilt lil Anil Kumar u tlabtu u qalli naghti l-indirizz fejn attwalment qed noqghod u li ma kientx importanti l-indirizz ma tantx kien importanti.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

**Joanne Cassar, xehdet hekk:**

Avu: Mela issemma persuna partikolari f`dawn il-proceduri Anil Kumar taf xi haga tista tghidilna x`taf minn naha tieghek jekk jogghbok?

Xhud: Jiena kull ma naf kien hemm artiklu kien kellimni gurnalist kien urieni a snapshot ta` firma u rubber stamp li ma kienux tieghi u ma kienux, kull ma kien hemm indikat huwa Joanne Cassar ma kien hemm indikat la numru ta telephone lanqas email address it-timbru kien totalment differenti firma kompletament differenti that was it dak l-artiklu naf.

Avu: Differenti minn xiex jekk jogħġbok?

Xhud: Differenti minn tieghi.

Qorti: Jekk qed nifhem xi ħadd ġibidlek l-attenzjoni li kien hemm rubber stamp b'ismek imma li din ir-rubber stamp meta urijielek ma kinitx tiegħek?

Xhud: Eżatti yes.

Avu: U inti meta ngħatat dik l-informazzjoni għamilt xi ħaġa ghalli jista' jkun?

Xhud: Jiena kont għidt li kieku kienet bħal tiegħi jew kien hemm imma dan kienet tant kien kompletament differenti so no.

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Qorti: Jigifieri itni qed tghid li tant ma kellhiex x'taqsam mal-firma tiegħek u stamp tiegħek li qas biss ikkunsidra bhala forgery jekk qed nifhmek sew?

Xhud: Nooo ghax tant jekk inti tara rubber stamp number 1 kienet tant totalment differenti. Il-firma totalment differenti kollox differenti u m'għandekx mobile number m'għandekx contact number on a rubber stamp I mean din qisni qed nurik 5 euro li ma tidhirx xejn bħal 5 euro ma nafx.

Pros: Ghalli jista jkun il-persuna li se tagħmel dik il-dik inti m'għandekx informazzjoni?

Xhud: Nooo nooo niftakar li rajt l-aħbar kienet kien hemm sema nafx fl-istess każ kien hemm fuq l-aħbarijiet imma ma deherx l-ebda persuna.

Avu: Ma nafx nistax nagħmel referenza għad-dokument forsi.

Qorti: Tara xi dokumenti forsi hemm xi firma tagħha xi dokument imma esebit dokument?

Avu: Le dik hi ma nistax nezebih. That’s all thanks.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tinnota li il-kas tal-prosekuzzjoni hu ibbazat

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

fuq xhieda li ma jghidhux bic-car minn liema_entita qed jixhdu, dokumenti fotokoppjati, asserzazzjonijiet li dokumenti huma foloz minghajr prova li dawn id-dokumenti huma attwalment foloz.

Inoltre, il-Qorti hi tal-fehma li ma jirrizultax li l-imputat kellhu l-intenzjoni (*mens rea*) li jaghmel att krimininuz meta hu tramite terz li ghamel l-arrangjamenti u ffirma dokumenti sabiex tigi processata l-applikazzjoni. Hu car li kien hemm terzi involuti, u irrizulta ukoll li ma jifhimx la bil-lingwa Ingliza u l-anqas bil-lingwa Maltija tant li kellhom jinhatru zewgt traditturi f' kull seduta.
F'dawn ic-cirkostanzi mhux ippruvati la l-ewwel u lanqas it-tieni imputazzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikolu tal-Ligi u cioe' Art. 188 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda ssib lil **Dasari Saiteja** mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta